



2024/935

25.4.2024

DEĊIJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE NRU 194/2023

tat-22 ta' Settembru 2023

li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2024/935]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ('il-Ftehim dwar iż-ŻEE'), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/166 tas-26 ta' Ottubru 2022 li jikkoreġi l-verżjoni bil-lingwa Franċiża tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali (¹) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (2) Din id-Deċiżjoni tikkonċerha l-leġiżlazzjoni dwar kwistjonijiet veterinarji. Il-leġiżlazzjoni dwar kwistjonijiet veterinarji ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Ħvizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli tibqa' estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-adattamenti settorjali tal-Anness I tal-Ftehim dwar iż-ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma tapplikax għal-Liechtenstein.
- (3) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness I tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 17 (ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) fil-Parti 6.1 tal-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

“- **32023 R 0166:** Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/166 tas-26 ta' Ottubru 2022 (ĠU L 24, 26.1.2023, p. 1).”

Artikolu 2

It-test tar-Regolament Delegat (UE) 2023/166 bil-lingwa Iż-żandek u b'dik Norveġija, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-23 ta' Settembru 2023, dment li jkunu saru n-notifikasi kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea.

(¹) ĠU L 24, 26.1.2023, p. 1.

* Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonal.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Settembru 2023.

*Għall-Kumitat Kongġunt taż-ŻEE
Il-President
Pascal SCHAFHAUSER*
